**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Marzu, 2002**

Citazzjoni Numru: **198/02TM**

Numru**: 2**

**Hal Mann Limited**

vs

**O'Connors (Malta) Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' sitt t'elef mitejn wiehed u tmenin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM6,281.52), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' *supply and laying of tiles* provduti u esegwiti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll il-valur ta' provvista ta' *sanitary ware and accessories* mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, ukoll fuq inkarigu ta' l-istess socjeta'

konvenuta, ai termini ta' ftehim datat 23 t'April, 1999, hawn anness u markat Dokument "HML1" u Dokument "HML2";

Ippremettiet illi llum dan il-kreditu tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti fl-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh billi fil-fehma tas-socjeta''attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghal hlas ta' l-imsemmi ammont, Dokument "HML3";

Ippremettiet illi nonostante diversi talbiet ghal hlas inkluza ittra ufficjali datata 27 t'Ottubru, 2000, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lis-socjeta' attrici.

Talbet biex tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef mitejn wiehed u tmenin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM6,281.52), bilanc miinn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' *supply and laying of tiles* provduti u esegwiti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll il-valur ta' provvista ta' *sanitary ware and accessories* mibjugha u konsenjati

mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, ukoll fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta, ai termini ta' ftehim datat 23 t'April, 1999.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 t'Ottubru, 2000, u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 285/02, u bl-imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Awissu, 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**